MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tas-26 ta' Jannar, 2012

Citazzjoni Numru. 73/2011

Kawza fil-lista: 57

**A B**
**vs**
**A C**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu l-attur ippremetta u talab hekk: illi l-partijiet izzewgu fis-17 ta’ Gunju 2006 ; illi minn dan iz-zwieg il-kontendenti ma kellhom ebda tfal ; Illi l-partijiet isseparaw *defacto* l-ewwel darba fis-17 ta’ Mejju 2008 imbaghad legalment fil-11 ta’ Settembru 2008 ; illi l-kontendenti kienu dahlu ghal dan iz-zwieg minghajr ebda preparazzjoni serja ta’ xejn ; illi l-kontendenti kienu rrealizzaw mal-ewwel li ma kienux lesti li jghixu hajja mizzewga ma’ xulxin ; illi l-kunsens tal-partijiet inghata bl-eskluzzjoni posittiva taz-zwieg innifsu,

jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali jew ohrajn tal-hajja mizzewga, jew tad-dritt ghall-att taz-zwieg u dana *inter alia ai termini* tal-artikoli 19 (1) (f) Kap. 255 tal-Ligijiet ta' Maltau fil-kaz ta' l-intimata zzewget lir-rikorrent mhux ghax kienet thobbu imma ghax kienet thobbu imma ghax kienet imdejqa d-dar wara l-mewt ta' ommha meta fuqha waqghet it-trobbija ta' huha izghar minnha u l-piz tal-familja taghha ; illi wara ftit xhur taz-zwieg l-intimata ntebhet illi ma kinitx thobb lil zewgha f'sens sesswali u kienet thobbu bhala persuna li helisha mill-problemi li kellha d-dar tant illi l-att-sessswali ta' bejn il-kontendenti qajla ma kien jista' jsir sew u ma kienx igib imhabba imma kien minflok jgib firda bejn il-kontendenti illi inoltre fil-mument taz-zwieg il-kunsens tal-partijiet kien vizzjat *inter alia* b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewwga jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essnzjali tieghu, jew b'anomalija psikologika serja li taghmilha mpossilbi ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg u dana ai atermini tal-artikoli 19 (1)(d)D Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta ; illi ghalhekk iz-zwieg ikkonntrattat bejn il-kontendenti huwa null uu bla effett fil-ligi u ghaldaqstant titlob lil din il-Qorti tiddikjara li z-zwieg huwa null u bla effett u taghti dawk il-provvedimenti kollha mehtiega illi jkun opportun f'dan ir-rigward ; bl-ispejjes.

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenuta fejn ikkonfermt ir-rikors promotur u adderixxiet ghat-talbiet tar-rikorrenti billi l-istess huma misthoqqa ;

Rat l-atti kollha tal-kawza inkluzi l-affidavits prezentati ;

Semghet ix-xhieda bil-gurmanet ;

Ikunsidrat :

**L-Azzjoni**

Illi permezz tal-azzjoni odjerna l-attur qed jitlob li din il-Qorti tiddikjara null u bla effett fil-ligi z-zwieg kuntrattat bejn il-partijiet fis-17 ta' Gunju 2006 fit-termini taddispozizzjonijiet tal-ligi fuq citati.

Il-konvenuta ma topponix.

**Il-Fatti**

Illi mill-provi jirrizulta li l-partijiet izewgu, wara 4 snin gharajjes, fil-17 ta' Gunju 2006, meta allura l-attur kellu 29 sena u l-konvenuta kellha 24 sena.

L-attur iltaqgha mal-konvenuta meta kienet ghada kemm mietet ommha ; kien *jiffansjha u jithassarha'*, tahdem hafna d-dar, ghax kellha tiehu hsieb lil missierha u l-hutha ; kien hass li ghandu jiehu *'hsieb taghha…….*u kien *inhossni responsabbli ghaliha.'*[1]

Il-konvenuta minn naha taghha kellha genn biex tizewweg - '*igri nizzewweg biex nehles u ma nibqghax insefter.'* [2] *'allavolja kien hemm differenzi bejnietna u veru ma tantx konna intimi jiena hassejt li stajt nghix hajja mizzewga u kuntenta mieghu ghax mhux is-sess kollox fil-hajja mizzewga.'* [3] Id-dubbji taghha pero' gieghluha titlob l-attur, ftit qabel iz-zwieg, biex jipposponu d-data taz-zwieg.

Irrizulta li fil-hajja konjugali *'ir-relazzjonijiet intimi ta' bejnietna xorta wahda ma tjiebux u jien ma kontx inhossni komda intimament ma' Timmy……qatt ma stajt habbejt lil Timmy b'mod komplet .'*[4] ; kienu jahdmu biss minn fil-ghodu sa tard fil-ghaxija – jieklu separatament jahslu il-hwejjeg taghhom *'nikkonvivu qisna ahwa u dan ghal li bejnietna ma kienx hemm rapporti sesswali u intimi. Fil-fatt dan il-fattur kien detemrinanti biex ma bqajniex aktar flimkien.'*

Sena u disgha xhur wara z-zwieg il-konvenuta telqet mid-dar matrimonjali.

Illum iz-zewg partijiet qieghdin go relazzjoni ohra.

**Kunsiderazzjonijiet tal-Qorti**

[1] Folio 41
[2] Folio 22
[3] Folio 22
[4] Folio 22

Illi l-partijiet jghidu li meta izzewgu, ghalkemm kien ilhom 4 snin flimkien u kellhom eta matura, ma kienux jafu lil xulxin u *'qatt ma habbejna lil xulxin kif kellna'* [5] ; ma kienux ippreparati li jizzewgu f'dak l-istadju, principalment ghax skond il-konvenuta *'ma kienx hemm imhabba 'b'mod fiziku imma dan kien qiesu habib tal-qalb bhal hija jew missieri li jghini fil-problemi li jkolli illi jaghtini solidarjeta. Illi jiehu decizjonijiet ghalija, jghini f'dak li ghandi bzonn u jaghtini sapport meta kont inhossni nghum kontra l-kurrent.'*[6] It-tnejn ghalqu ghajnejhom u ma tawx importanza lejn il-problema ta' intimita li tfaccat fl-gherusija! Ippruvaw isolvuha billi jkunu dejjem fil-kumpanija tal-hbieb.[7]

Dan kien zwieg bla bazi, ma kienx motivat bl-imhabba u l-attrazzjoni fisika u emozzjonali; kien motivat biss fuq il-bzonn li l-konvenuta tehles u ma tibqghax isefter f'dar missierha u fuq il-fatt li l-attur kien jithassarha u xtaq jghina.

Il-Qorti hi tal-fehema li f'dan il-kaz jikkonfigura l-*caput nullitatis* kontemplat fl-ewwel parti tal-paragrafu (d) ta' l-artikolu precitat fil-konfront ta' xulxin, stante li huma dahhlu f'dan iz-zwieg minghajr ma kienu jhobbu u jafu lill xulxin, bir-rizultat li mal-konvivenza dawn skoprew li huma nkapaci li jassumu l-obbligu tal-konvivenza diretta lejn il-benessere reciproka, u ma setghux jghixu taht saqaf wiehed wahedhom – u dan mill-bidu nett taz-zwieg.

Dan premess u kkunsidrat il-Qorti hija tal-fehema li l-talba ta' l-attur hija gustifikata fil-fatt u fid-dritt u timerita li tigi milqgha.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi tilqa' l-talbiet u tiddikjara null u bla effett fil-ligi z-zwieg kuntrattat bejn il-partijiet fis-17 ta' Gunju 2006.

---

[5] Folio 22
[6] Folio 23
[7] Folio 28

Spejjes bla taxxa.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------